MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 930/1994/1

**L-Avukat Arthur Galea Salomone kemm bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Concetta di Paola, armla minn Pasquale Muscariello kif ukoll bhala kuratur tal-minorenni**
**Pasquale Muscariello u dan in forza ta’ digriet tal-15 ta’ Lulju 1993 moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili.**

**v.**

**Steven Satariano**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenut Steven Satariano minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2008 li ddecidiet li l-incident tas-27 ta' Lulju 1992 f'Tas-Sliema gewwa Ferro Bay, li fih miet l-ghawwiem Pasquale Muscariello gara tort tal-konvenut u ta' l-istess Muscariello, nofs bin-nofs; illikwidat id-danni fil-grad li ghalih kien responsabbili l-konvenut fl-ammont ta' €149.963.89; u kkundannat lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci l-partijiet relevanti tas-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"**Il-Qorti,**

"**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

"Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Lulju 1994 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri fejn gie premess:-

"Illi fis-27 ta' Lulju 1992, f'tas-Sliema fil-vicinanzi ta' Ferro Bay, waqt li l-konvenut kien isuq *speed boat* All American 170 bin-numru ta' registrazzjoni S-8870 laqat lil Pasquale Muscariello li kien qed jghum;

"Illi Pasquale Muscariello miet b'rizultat tal-griehi li hu sofra fl-incident;

"Illi dan l-incidnet gara b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti unikament tort tal-konvenut;

"Illi Concetta di Paola, armla tal-mejjet Pasquale Muscariello, u Gianluca Muscariello iben il-mejjet Pasquale Muscariello, huma eredi tal-mejjet Pasquale

Muscariello u ghalhekk ghandhom dritt li jigu indennizzati mill-mewt tal-imsemmi awtur taghhom;

“Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-incident tas-27 ta’ Lulju 1992, f’tas-Sliema fil-vicinanzi ta’ Ferro Bay gara unikament tort tal-konvenut, kawza tan-negligenza, imperizia u nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolamenti *da parte* tieghu u li hu ghalhekk responsabbli ghall-mewt ta’ Pasquale Muscariello u konsegwentement responsabbli wkoll ghad-danni konsistenti f’*damnum emergens* u *lucrum cessans* dovuti lill-eredi tieghu;

“2. Tillikwida d-danni minnhom sofferti jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominandi;

“3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati minn din il-Qorti;

“Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Lulju 1993, ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attur *nomine* a fol. 7 u 8 tal-process;

“Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tal-31 ta’ Ottubru 1994.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Steven Satariano datata 20 ta’ Frar 1995 a fol. 14 tal-process fejn gie eccepit:-

“1. Illi preliminarjament l-attur irid jaghmel il-prova tal-prokura specjali li hu ddikjarat li ghandu sabiex jirraprezenta l-assenti Concetta di Paola;

“2. Illi preliminarjament ukoll l-attur irid jgib il-prova tad-digriet imsemmi u cioe` dak tal-15 ta’ Lulju 1993 moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili;

“3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur *nomine* u dan peress illi l-eccipjenti ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident imsemmi mill-attur f’din ic-citazzjoni. Illi ghalhekk l-eccipjenti ma jistax jigi kkundannat li jhallas lill-atturi l-eventwalita` danni li l-attur *noe* seta’ sofra minhabba fl-istess allegat incident.

“Salv eccezzjonijiet ohra.

-- OMISSIS --

“**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

“Illi din hija kawza dwar incident li sehh fis-27 ta’ Lulju 1992 fil-vicanzi ta’ Ferro Bay, Sliema, fejn l-attur *nomine* qed jallega li waqt li Pasquale Muscariello kien qed jghum gie milqut mill-konvenut li kien qed isuq l-i*speed boat* numru S – 8870, u bil-konsegwenza tal-istess daqqa miet b’rizultat tal-griehi li garrab u b’hekk saret din il-kawza sabiex il-konvenut jigi ddikjarat responsabbli ghall-istess incident, u sabiex jigi kkundannat ihallas id-danni likwidati fl-istess. Min-naha tieghu l-konvenut isostni li huwa ma huwiex responsabbli ghall-istess incident peress li l-imsemmi persuna ma gietx milquta minnu.

“Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti thoss li gie ppruvat li fid-data in kwistjoni l-konvenut kien qed jghum faccata tal-*beach concession* tal-lukanda Preluna u jidher li kien qed jistad ghaliex fost affarijiet ohra ma qaddu kellu xibka zghira li kellha l-hut. Jirrizulta li ghall-habta tas-12.30 p.m. jidher li ntlaqat minn *speed boat* ta’ kulur abjad b’linja hamra, u dan meta l-istess *speed boat* kienet qed tigi misjuqa mill-konvenut u dan xi 10 sa 15 il-metru l-boghod mix-xatt, tant li meta ra li kienet hekk vicin ix-xatt il-konvenut ghamel manuvra sabiex johrog il-barra u kien f’dan il-mument li ntlaqtet il-persuna ndikata.

“Illi dan jirrizulta mix-xhieda ta’ Antonio Tota li xehed kif huwa ra l-istess *speed boat* ftit metri l-boghod mix-xatt u kif meta din marret biex tbiddel id-direzzjoni sema’ hoss, u

wara li min kien fuq l-i*speed boat* ghall-ewwel hares lura fejn kien gie l-hoss, mbaghad hareg il-barra u saq lejn id-direzzjoni ta’ San Giljan.

“Illi fil-fatt ix-xhieda ta’ Antonio Tota (affidavit – Dok. “AT 1”) kienet u baqghet konsistenti mill-mument li huwa xehed quddiem il-Magistrat inkwirenti sal-mument li xehed f’din il-kawza u minn tali xhieda din il-Qorti thoss li hareg b’mod mill-iktar car li l-incident li fih mietet l-imsemmija persuna sehh meta l-konvenut bl-i*speed boat* tieghu dahal f’*area* tal-bahar li huwa ma kellux jidhol fiha peress li kienet sew vicin ix-xatt u meta ttenta johrog mill-istess inhawi wkoll b’manjiera li tindika certu sahha u *speed*, huwa laqat lil dan l-ghawwiem; u fil-verita` jirrizulta mill-istess xhieda li l-konvenut ittenda li laqat xi haga, peress li ghal xi mument, wara li x-xhud sema’ l-hoss *“come se la barca avesse urtato qaulcosa”* l-persuni li kienu fuq din il-bicca tal-bahar bhal waqfu u harsu lura qishom biex jaraw x’laqtu, izda mbaghad baqghu sejrin.

“Illi fil-fatt din ma kenitx l-unika haga li xehed dwarha dan Antonio Tota u dan peress li huwa xehed kif qal mill-ewwel b’dan kollu lil Pierre Cassar li dak il-hin kienu fuq ix-xatt, tant li meta marru biex jezaminaw x’kien intalqat sabu li dan kien ragel u telghu x-xatt. Huwa sinfikanti wkoll li l-istess xhud sostna li wara xi nofs siegha l-istess *speed boat* regghet tfaccat fl-istess bajja izda din-id darba baqghet ‘il boghod mix-xatt. Kien hawn li saret komunikazzjoni mal-Pulizja u dawn talbuha biex isegwu l-istess *speed boat*;

“Illi fil-fatt kien Pierre Cassar li qabad *jet ski* u segwa l-istess *speed boat* u dan peress li z-zewg xhieda ndikaw l-i*speed boat* bhala wahda ta’ kulur abjad b’faxx ahmar u din baqa’ jsegwiha sakemm l-istess *speed boat* waqfet vicin l-i*slipway* li hemm gol-Bajja tal-Balluta. F’dan l-istadju jinghad li x-xhieda tal-istess Tota hija kredibbli peress li huwa nsista mill-ewwel li meta huwa sema’ l-hoss bhal meta bicca tal-bahar tolqot xi haga ma kien hemm ebda bicca tal-bahar ohra hlief dik tal-konvenut li huwa iddentifika bhala bajda bil-faxx ahmar, u f’dan il-kuntest hemm il-korroborazzjoni ta’ Pierre Cassar, u dan

iktar u iktar meta din l-i*speed boat* regghet dehret fuq il-post xi nofs siegha wara li gara l-incident.

“Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li din il-verzjoni hija wkoll *verosimili* anke *in vista* ta’ dak li sehh wara, peress li jidher li kien hawn ukoll li wara li saret komunikazzjoni mal-Pulizija dwar l-incident u t-tip ta’ bicca tal-bahar li kienet involuta fl-istess, ix-xhieda raw l-istess *speed boat* ghat-tieni darba ftit ‘il boghod fejn sabu l-ghawwiem milqut, u fuq talba tal-Pulizija dan gie segwit sal-punt fejn waqaf – u hawn ix-xhieda prodotta ma thalli l-ebda dubju li f’dak il-mument l-istess Tota u Pierre Cassar kienu konvinti li kienet dik l-i*speed boat* li laqtet lill-mejjet, anke peress li fil-mument meta sar l-incident, ma kien hemm ebda bicca tal-bahar ohra fl-istess akkwati.

“Illi fil-fatt dwar dan l-insegwiment hemm ix-xhieda ta’ Micheal Farrugia, Helicopter Pilot tal-Forzi Armati li sostna li huwa kellu rapport li l-i*speed boat* kien giet identifikata tant li kien hemm scooter li kien qed isegwih u fil-fatt jidher li nghataw sinjali sabiex jibqghu jsegwu l-istess *speed boat* li eventwalment instabet fil-bajja tal-Balluta.  Dwar l-istess hemm ukoll ix-xhieda ta’ P.S.  75 Carmel Abela li kien huwa li mar fuq l-i*speed boat* lill-pulizija meta din kienet dahlet fil-bajja tal-Balluta u kienet moghttija b’kanvas griz.

“Illi fil-fatt l-istess xhieda prodotti mill-atturi jikkonfermaw  li fil-mument li sar u fejn sehh l-incident ma kien hemm ebda bicca ohra tal-bahar u dwar l-istess incident jidher li sar rapport lill-pulizja tant li l-Control Room informat lill-Ghassa ta’ tas-Sliema f’xi 1.15.p.m.  dwar l-istess incident u mill-ewwel kienet identifikata din l-i*speed boat* bajda b’faxxa hamra li anke regghet marret fuq il-post xi nofs siegha wara (xhieda l-Ispettur Nicholas Ciappara – 14 ta’ Dicembru 1998)

“Illi mhux hekk biss izda l-istess xhieda ta’ Tota hija tant cara li huwa kkonferma li kien identifika l-i*speed boat* inkwistjoni mir-ritratti li gew murija lilu mill-esperti tal-Qorti fil-proceduri kriminali u wkoll li din kienet l-istess bicca tal-bahar li kienet giet ikkonfiskata u tali xhieda hija tant

konvincenti li twassal lil din il-Qorti ghall konvinzjoni morali li kienet dik l-i*speed boat* li laqtet lill-ghawwiem indikat.

“Illi din ix-xhieda ta’ Tota hija kkorroborata mix-xhieda ta’ Pierre Cassar (fol. 123) u din il-Qorti *in vista* tal-premess thoss li gie pruvat fil-grad rikjest mil-ligi li kienet l-i*speed boat* misjuqa mill-konvenut li effettivament laqtet lill ghawwiem imsemmi. Din il-Qorti izid tghid li jidher li l-istess zewg xhieda agixxew biss fuq dak li semghu u raw u ma kellhom ebda nteress iehor f’dak il-mument li sar l-incident u mmedjatament wara hlief li jindikaw lill-Pulizija l-bicca tal-bahar li raw meta sehh l-incident. It-Taljan imressaq bhala xhud ma jidher li kellu ebda konnessjoni ta’ xejn ma hadd mill-partijiet f’din il-kawza, fil-waqt li fil-kaz ta’ Pierre Cassar, ghalkemm il-konvenuti ppruvaw idahhlu d-dubju li din il-persuna setghet intlaqtet minn xi *jet ski* li kienu anke jinkrew minnu, pero` kontra dan hemm ix-xhieda inkonfutabbli li fil-mument meta Tota sema’ l-hoss li xi haga jew xi hadd xi milqut fil-bahar, l-unika bicca tal-bahar li kien hemm vicin dak li eventwalment irrizulta li kien katavru kienet biss il-bicca tal-bahar misjuqa mill-konvenut.

“Illi dwar il-konvenut jinghad li x-xhieda tieghu ma hija xejn konsistenti tant li jirrizulta li fl-istqarrija lill-Pulizija (Dok. “S 1”) hu kien qal li kien biss ghadda minn hdejn il-Beach Club tal-Preluna u fl-ebda hin ma waqaf hemm; jghid ukoll li darba biss ghadda minn hemm meta kien ma Martin Tabone. Min-naha l-ohra fix-xhieda tieghu fl-affidavit datat l-1 ta’ Gunju 2004 jghid li lanqas biss ghadda minn hemm (fol. 226); izda kien wasal biss sa Triq it-Torri (bejn is-Surf Side Restaurant u t-Torri) fejn ra lil Peter Sultana bil-karozza tieghu (Jeep – *electric green*) u meta dan kien miexi fuq in-naha tal-bini (in-naha ta’ gewwa ta’ Tower Road) u dan meta kien xi 80 metru l-barra fil-kosta – jidher li din il-verzjoni wkoll inbidlet ghal fil-kontro-ezami tieghu qal li lil Peter Sultana kien rah fuq il-*railings* (fol. 237); u marru lura ghal Lido fejn hemm il-Marina ta’ San Gorg proprju sabiex jiltaqghu ma’ Peter u ohtu Marguerite Sultana.

“Illi fl-istqarrija quddiem il-Pulizija jghid li kien 40 metru l-boghod mill-kosta meta kien qieghed fil-*beach concession* tal-lukanda Preluna, izda fl-affidavit tieghu jghid li mhux biss li qatt ma wasal hemm izda li anke fejn qal li kien wasal fi Triq it-Torri kien 80 metru ‘l barra mill-kosta, ghalkemm  fil-kontro-ezami jghid li kien bejn 50 sa 80 metru l-boghod; Mela allura jidher li stranament l-ewwel darba li gie mistoqasi fuq l-incident huwa qal li kien f’dawk l-inhawi izda qatt ma waqaf almenu sal-punt fejn sar l-incident, izda f’din il-kawza jghid li lanqas biss resaq l-hemm.

“Illi din il-verzjoni tal-konvenut hija kontradetta mill-istqarrija li ghamel lil Pulizija Martin Tabone li kontrarjament ghal dak li qal il-konvenut jghid li kienu fl-inhawi fejn sar l-incident izda ma waqfux fil-post hemm izda daru biss minn hemm; fl-affidavit tieghu dan l-istess Tabone ukoll jaghti verzjoni differenti minn dak li ta l-konvenut stess f’din il-kawza (fol. 254) tant li jghid li waslu biss bejn Tigne u s-Surfside u waqfu ftit u daru u dejjem zammew 70 metru mill-kosta.  Dan huwa ferm differenti minn dak li qal il-konvenut anke f’dawn il-proceduri u dan peress li l-verzjoni tal-konvenut hija li huma lanqas biss resqu darba fejn sehh dan l-incident; dan meta l-persuna li kienet mieghu fuq l-istess bicca tal-bahar qed tghid differenti – tant li din ix-xhieda ta’ Martin Tabone tikkonferma li tant kienu hemm li sostniet li qalet li vicin il-kosta kien hemm *jet skis* ghaddejjin u dawn kienu jinkrew mill-Lido tal-Preluna u kienu jghaddu minn dawk l-inhawi bi *speed* konsiderevoli.  Illi fid-dawl ta’ dan jidher li x-xhieda prodotta mill-konvenut stess hija ghal kollox kontradittorja u certament din il-Qorti ma thossx li tista’ toqghod fuqha u dan iktar u iktar meta b’mod mill-iktar palez qed tikkontradixxi lilha nfisha anke fuq il-punt minn fejn ghaddiet l-istess *speed boat*.  Dan fis-sens li fl-istqarrijiet kemm il-konvenut u kemm Mario Tabone jammettu li kienu fl-inhawi ta’ fejn sar l-incident, meta waqt din il-kawza Martin Tabone baqa’ jsostni l-istess, mentri l-konvenut biddel il-verzjoni tant li ghal xi raguni xehed li kien dawwar ‘il boghod minn hemm ezattament fi Triq it-Torri fejn qal li sellem lil siehbu Peter Sultana.

“Illi mhux hekk biss izda jekk wiehed jiehu l-verzjoni tal-konvenut li huwa ma kienx f’dawk l-inhawi allura kif setgha jghid kemm kien hemm *jet skis* fil-mument li l-istess Antonio Tota sema l-hoss li skond huwa kien l-effett tal-incident; il-verzjoni tal-konvenut isofri wkoll meta skond ix-xhieda ta’ Martin Tabone jidher li l-istess *speed boat* kienet fl-inhawi, izda dan jaghmel tentattiv car sabiex jindika li kien hemm *jet skis* iktar il-gewwa. Dan huwa sinfikanti meta fl-istqarrija ma hemm ebda dubju li Martin Tabone ammetta li kienu ghaddew *“hdejn il-beach club ta’ hdejn il-Preluna”* (fol. 163); mhux hekk biss izda l-istess konvenut kien ammetta dan fl-istess stqarrija tieghu (fol. 161) meta qal hekk:-

*“M. Nghid sew li dak inhar kont bil-boat fil-vicinita` tal-Beach Club tal-Preluna?*

*R. Le, ghaddejt minn hemm biss”.*

“Illi dwar ix-xhieda l-ohra prodotti mill-konvenut din il-Qorti tinnota wkoll li l-verzjoni ta’ x’ghamel il-konvenut meta kien din-id darba ma’ Peter u Marguerite Sultana hija differenti minn l-verzjoni li ta huwa fl-affidavit tieghu a fol. 224 tal-process u dik li ta’ Peter Sultana stess fl-affidavit tieghu tat-3 ta’ Frar 2005 (fol. 256) u dan ikompli jaghmel il-verzjoni tal-konvenut inkredibbli u dan ghaliex ghal kollox kontradittorja, mhux biss mix-xhieda prodotta mill-atturi, izda anke mix-xhieda prodotta mill-konvenuti stess.

“Illi ghandu jinghad ukoll li mir-rizultati forensici kondotti mill-Professoressa Marie Therese Camilleri (fol. 175) jirrizulta li l-kawza tal-mewt kienet xokk minn telf ta’ demm, u kien hemm lacerazzjoni tal-pulmun xellug, rottura tal-milsa u kilwa u *blunt trauma* u din kienet kompatabbli ma’ daqqa qawwija, u kienet hemm marka (*linear contusion*) fuq il-gilda li kien testendi mill-*axsilla* ghall *buttucks* tax-xellug, u taht l-istess marka fil-gilda kien hemm emorogija qawwija u ksur tal-kustilji mit-tielet wahda sat-tnax-il wahda, u dan jindikaw li gie milqut fuq in-naha tax-xellug tieghu (*back to side*) u li probabbilment *‘his trunk was downwards’* u jidher li d-daqqa kienet kbira u certament mhux minn bicca tal-bahar li kienet wieqfa u

dan kollu huwa wkoll konsistenti max-xhieda prodotta mill-atturi.

"Illi pero` dan ifisser li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident peress li jirrizulta li dahal sew vicin il-kosta iktar mid-distanza permessibbli mil-ligi u holoq perikolu ghall-ghawwiema li kienu fil-bahar u kien ghalhekk ukoll negligenti fl-uzu tal-istess *speed boat* u konsegwenza tal-mod li bih idderiga l-istess *speed boat* anke bis-sewqan taghha vicin il-kosta huwa laqat lill-istess *decujus* u b'hekk huwa responsabbli ghall-mewt tal-istess u dan gie pruvat sal-grad tal-prova rikjesta mil-ligi f'kawzi ta' natura civili **("Maria Stella Borg vs Joseph Cassar"** – P.A. (RCP) – 25 ta' April 2002).

"Illi izda din il-Qorti thoss li gie ppruvat ukoll li l-istess *decujus* ikkontribiwixxa ghall-istess incident li sfortunatament fih tilef hajtu u dan peress li jirrizulta mhux kontradett li l-istess ghawwiem kien qed jistadd fil-bahar, tant li nstabu hut li kienu marbutin mieghu u wkoll oggetti ohra li jindikaw li kien qed jinzel taht il-bahar u dan minghajr u bl-ebda mod ma kellu xi forma ta' indikazzjoni bhal baga li huwa kien qed jghoddos, u ghalhekk din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern ir-responsabbila` fil-grad ta' nofs ghandha u qed tigi attribwita lill-istess Pasquale Muscariello, bin-nofs l-iehor ovvjament jigi attribwiet lill-konvenut.

"Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli fil-grad ta' hamsin fil-mija (50%) ghall-incident fatali tas-27 ta' Lulju 1992, fil-waqt li Pasquale Muscariello ghandu jinzamm responsabbli fil-grad ta' hamsin fil-mija (50%) l-ohra.

"Illi dwar likwidazzjoni ta' danni jirrizulta li din ghandha tkun ibbazata fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 1045 tal-Kap 16** u dan ghal dak li huwa legalment maghruf bhala *damnun emergens* u *lucrum cessans.* Dwar l-ewwel tip ta' danni ma jirrizultax li d-danni sofferti jammontaw ghall-Lm1,859.30 (€4331.00) u ghalhekk l-konvenut ghandu jsofri nofs mill-istess fl-ammont ta' Lm929.50 (€2165.15).

“Illi f’dak li huwa *lucrum cessans* din il-Qorti taghmel riferenza proprju ghall-imsemmi **Artikolu 1045 tal-Kap.12** li jiddisponi li:-

*“(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta’ qliegh li tbati ‘l quddiem minhabba l-inkapacita’ ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita’ tigi stabbilita’ mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz u, b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapacita’ ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.”*

“Illi issa tenut kont ta’ dan l-**Artikolu 1045** jirrizulta car li tali somma tvarja skond ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, u li fiha l-Qrati dejjem ghandhom certu ammont ta’ deskrizzjoni, proprju minhabba l-fatt li huma jkunu qed jezaminaw b’mod akkurat kull kaz fid-dettalji kollha tieghu.

“Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **“Michael Butler vs Peter Christopher Heard”** (A.C. 22 ta’ Dicembru 1967) li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza “**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**” (A.C 16 ta’ Novembru 1983) *“ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu”.*

“Illi din tirreferi ghas-sentenzi “**Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et**” (P.A. 1.3.1992); “**Duncan Vassallo vs Khalid Schwej**” (P.A. 8 ta’ Marzu 1996); “**Robert Barbara vs Saviour Galea**” (P.A. 11 ta’ Ottubru 1996); “**Susan Davies vs Anthony Galea** (P.A. 10 ta’ Ottubru 1997); “**Joseph Attard vs Carmelo D’Amato**“ (P.A. (N.A.) 5 ta’ Ottubru 1999); “**George Gatt vs Francis E. Carbone**” (App. 7 ta’ Lulju 1998); “**Anthony Turner et vs Francis Agius et**” (G.C.D. 17 ta’ Frar 1998); “**Arthur**

**Bonello *nomine* vs James Camilleri *et*”** (J.S.P. 13 ta’ Jannar 1998), fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta’ odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

“Illi f’kaz ta’ mewt il-posizzjoni odjerna hija dik kif stabbilita fis-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Anthony Turner et vs Francis Agius”** (A.C. 28 ta’ Novembru 2003) fejn inghad:-

*“Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f’kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsgwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f’sitwazzjoni fejn si tratta ta’ mewt ta’ kap ta’ familja li minnu din tkun qed tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta’ membru iehor ta’ familja………Din il-Qorti jidhrilha li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex f’dan il-kaz taddotta linja ta’ kalkolu differenti ghal fini ta’ kumpens, minn kif stabbilit fil-maggoranza ta’ kazi simili”.*

“Illi l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi l-istess gurisprudenza ghandha tigi applikata ghall-*fattispecie* tal-kaz odjern u dan fis-sens li ghandu jinzamm l’hekk imsejjah bilanc bejn il-principju tal-hajja lavorattiva ma’ dak tac-*“chances and changes of life”* li ghandhom jghinu biex jiddeterminaw il-*multiplier* skond id-decizjonijiet l-aktar ricenti nkluzi dawk tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, u tenut kont li fid-data tal-mewt Pasquale Misciarello kellu 42 sena, l-*multiplier* adoperat ghandu jkun ta’ 18-il sena, li allura l-*multiplier* l-iktar adattat ghall-kaz odern huwa proprju dak hawn indikat.

“Illi hekk mahduma din twassal ghas-segwenti kalkolu tad-danni sofferti fil-kaz tat-telf ta’ hajja ta’ dan il-bniedem, u dan dejjem skond il-binarju stabbilit fil-gurispridenza l-aktar ricenti nkluza dik fil-kawza fl-ismijiet **“Laura mart Emanuel Formosa et vs Emanten Spiteri et”** (P.A. (TM) – 28 ta’ April 2005) inkluzi dik ta’ **“Micallef St. John vs Spiteri et”** (A.C. 15 ta’ Jannar 2002) u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandha wkoll timxi fuq l-istess insenjamenti, nkluz dwar *multiplier* b’riferenza ghall-kawzi

**"Saviour Sammut et vs Robert Demanuele"** (P.A (GV) - 12 ta' Lulju 2002) u **"Yvonne Cassone *proprio et nomine* vs Alfred Calamatta *et*"** (P.A. (TM) – 7 ta' Lulju 2004) u **"Amabile Azzpardi vs Anthony Xuereb"** (P.A. (DS) 14 ta' Jannar 2004) u b'dan li s-somma li tirrizulta wara li jsir l-imsemmi ezami hija s-segwenti fis-sens li ser timxi fuq l-ammont ta' Lm9,400 (€21896.11) (inkluz il-*multiplicand*) b'*multiplier* ta' 18-il sena u minn tali ammont jitnaqqas dak l-ammont indikat ghal *self consumption* u b'hekk ir-rizultat ta' l-istess jammonta ghas-segwenti:-

"€21,896.11 x 18 x 75% = €295597.48.
(Lm9,400 x 18 x 75% = Lm 126,900).

"Illi peress li l-konvenut huwa responsabbli biss fil-grad ta' hamsin fil-mija (50%) mela allura l-ammont li ghalih huwa responsabbli il-konvenut bhala *lucrum cessans* huwa dak ta' €147,798.74 (Lm63,450), li maghhom wiehed irid izid l-ammont ta' *damnum emergens* fis-somma ta' €2,165.15 (Lm929.50) li twassal ghall-ammont ta' €149,963.89 (Lm64,379.50) li minnhom ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis ghal-*lump sum payment* u dan minhabba li l-incident in kwistjoni ilu li gara mis-sena 1992 apparti dak ritenut fis-sentenzi fuq citati dwar l-istess inkluz fil-kawza **"Gerhard Kruger vs Paul Bondin"** (P.A. (JRM) – 4 ta' Novembru 2004).

"Illi ghalhekk it-tieni u t-tielet talba attrici ghandhom jigu milqguha fl-ammont ta' €149,963.89 (Lm64,379.50)

"**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-incident tas-27 ta' Lulju 1992, f'tas-Sliema fil-vicinanzi ta' Ferro Bay gara ukoll tort tal-konvenut, kawza tan-negligenza, imperizia u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti *da parte* tieghu u dan fil-grad ta' hamsin fil-mija (50%), b'dan Pasquale Muscariello

stess kien ukoll responsabbli minhabba l-agir negligenti tieghu wkoll fil-grad l-iehor ta’ hamsin fil-mija (50%), u ghalhekk il-konvenut huwa responsabbli fil-grad hawn indikat ghall-mewt ta’ Pasquale Muscariello u responsabbli wkoll fl-istess grad ghad-danni konsistenti f’*damnum emergens* u *lucrum cessans* dovuti lill-eredi tieghu.

“2. Tillikwida d-danni minnhom sofferti li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut fil-grad hawn indikat fl-ammont ta’ mija u disgha u erbghin elf, disa’ mija u tlieta u sittin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€149,963.89) (Lm64,379.50).

“3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati minn din il-Qorti li ghalihom huwa gie ritenut responsabbli fl-ammont ta’ mija u disgha u erbghin elf, disa’ mija u tlieta u sittin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€149,963.89) (Lm64,379.50).

“Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha fejn ressaq zewg aggravji u talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, u filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati minnu, tichad it-talbiet tal-appellat noe bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Fil-qosor l-aggravju tal-konvenut jikkonsistu f’li gej:
1. L-appellant ma kellux jinsab hati f’ebda grad billi l-attur noe ma gabx l-ahjar prova fir-rigward ta’ x’ikkawza s-sinistru anke fuq bazi ta’ bilanc ta’ probabbilitajiet (kwistjoni ta’ oneru u grad ta’ prova).

2. Fl-ebda mument ma giet identifikata d-dghajsa jew is-sewwieq tad-dghajsa (kwistjoni ta’ apprezzament ta’ provi).

**Risposta tal-appellat**

L-attur appellat *nomine* ipprezenta risposta fil-14 ta' April 2008 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**Fatti tal-kaz**

Dan il-kaz jirrigwarda incident li gara f'Ferro Bay, fejn il-Preluna Beach Lido, f'Tas-Sliema, fis-27 ta' Lulju 1992, waqt li certu Pasquale Muscariello li kien qed jghum f'dawk l-inhawi ntlaqat minn *speed boat* u miet b'rizultat tal-griehi li garrab fl-incident.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Iz-zewg aggravji mressqa mill-konvenut fl-appell tieghu jirrigwardaw il-kwistjoni dwar responsabbilita` ghall-incident *de quo*. Ma tressaq ebda aggravju fir-rigward tal-komputazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti.

Jigi rilevat inoltre li ma gie intavolat ebda appell incidentali mill-attur appellat avolja ddikjara fir-risposta ghall-appell li ma jaqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-htija kontributorja da parti ta' Muscariello. L-appellat jghid li ma sarx appell in vista tas-sitwazzjoni finanzjarja li jinsabu fiha l-mara u t-tifel tal-mejjet Muscariello.

Fl-ewwel aggravju tieghu l-konvenut qed jissottometti li l-attur ma assolviex l-oneru ta' prova rikjest minnu mil-ligi u lanqas ma ssodisfa l-grad ta' prova fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet.

**Oneru tal-prova**

Hu dottrinalment recepit li:
"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk

il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxilu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu." (Ara **Dr.H.Lenicher v. J.Camilleri 31/3/72 PA RF** ).

Kwantu ghall-grad tal-prova
“Hu pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabbilitajiet.” (**Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta’ Frar 1952; **Paul Vassallo v. Carmelo Pace**, Appell Civili, 5 ta’ Marzu 1986).

L-ewwel Qorti sabet li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni peress li rrizulta li hu dahal sew vicin il-kosta iktar mid-distanza permessibbli mil-ligi u holoq perikolu ghall-ghawwiema li kienu fil-bahar u kien ghalhekk ukoll negligenti fl-uzu tal-istess *speed boat* u konsegwenza tal-mod li bih idderiga l-istess *speed boat* anke bis-sewqan taghha vicin il-kosta huwa laqat lill-istess *decujus* u b’hekk huwa responsabbli ghall-mewt tal-istess u li dan gie pruvat sal-grad tal-prova rikjesta mil-ligi f’kawzi ta’ natura civili.

L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni abbazi (i) tax-xiehda moghtija minn Antonio Tota u Pierre Cassar u (ii) l-inkonsistenza fix-xiehda tal-konvenut u tax-xhieda mressqa minnu.

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jikkontendi li hu ma setghax jinstab responsabbili ghall-incident in kwistjoni lanqas fil-grad li sabitu l-ewwel Qorti billi fl-ebda mumemt ma giet identifikata d-dghajsa jew is-sewwieq tad-dghajsa, u ghalhekk ma kienx hemm provi bizzejjed biex hu jinstab responsabbili lanqas fuq bazi ta’ bilanc ta’ probabbilitajiet.

Kif drabi ohra ntqal “fir-rikostruzzjoni ta’ tali dinamika (ta’ incident) jassumu allura rilevanza spiss determinanti l-provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-verzjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta’ prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u minn fonti indipendenti, spiss iwasslu lill-gudikant biex jirrizolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet fejn, bhal dak taht ezami, dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta’ kif ikun sehh l-incident jew sempliciment ghaliex dan isir f’salt tant illi s-sewwieq ma jkunx verament irrealizza x’ikun gara” – **Moira Galea v. Michael Zerafa**, Appell, 6 ta’ Ottubru 2000; **App. Inf. J.Spiteri v. R. Spiteri** – 14 ta’ Lulju 2004.

**Identifikazzjoni tad-dghajsa.**

Issa, jirrizulta mill-provi prodotti li bhala fatt l-*speed boat* misjuqa mill-konvenut kienet ta’ kulur abjad b’xi faxxi homor. Il-konvenut isostni li dakinhar tal-incident kien hemm hafna *speed boats* mal-kosta bejn Tigne` u San Gorg u mhux eskluz li kien hemm *speed boats* ohra bojod bi strixxa hamra bhal tieghu.

Dwar l-identifikazzjoni tal-i*speed boat* u dwar kif gara l-incident, ix-xhud prodott mill-attur nomine, Antonio Tota, xhud disinteressat u indipendenti, jghid li dakinhar huwa kien fil-bajja meta ra *speed boat* bajda bi strixxa hamra fil-genb, u zewgt irgiel fuqha li dahlu fil-bajja daqs 10 sa 15-il metru barra mill-blat. Dak il-hin hu gibed l-attenzjoni ta’ Pierre Cassar dwar “quel folle” li kien qed isuq u jdawwar b’velocita` hemmhekk u kien dak il-hin li sema’ hoss bhal li kieku l-i*speed boat* kienet laqtet xi haga. Ghalhekk mar bil-*jet ski* biex jara x’intlaqat u sab li kien intlaqat ragel. Hu gabru mill-bahar u tellghu fuq il-blat. Tota jghid li dak il-hin fil-bajja ma kienx hemm *boats* ohra jew ghawwiema. Tota rega’ gharaf din l-i*speed boat* meta wara xi nofs siegha din irritornat fuq il-post. Hu rrikonoxxa li kienet l-istess *speed boat*, indikaha lil Pierre Cassar u dan segwiha b’*jet ski* sal-bajja tal-Balluta fejn sabha sorguta nofsha mghottija. In segwitu hu kkonferma li l-i*speed boat*

li kienu elevaw il-pulizija mill-Balluta kienet l-istess wahda li kien ra f'Ferro Bay meta ntlaqat Muscariello.

Ix-xhud Antonio Tota huwa korroborat minn Pierre Cassar li kien prezenti fuq il-post ukoll. Ghalkemm dan ix-xhud ma kienx qed ihares lejn l-i*speed boat* fil-hin li qala' d-daqqa Muscariello, meta ngibditlu l-attenzjoni minn Tota ghal dak li kien qed jigri, dan ra l-i*speed boat* li ddeskriviha bhala ta' kulur abjad b'faxx ahmar. Cassar rega' gharaf l-istess *speed boat* meta din tfaccat mill-gdid xi nofs siegha jew siegha wara fuq il-post tal-incident. Imbaghad Cassar segwa din il-*boat* b'*jet ski* sal-bajja tal-Balluta fejn sabha fejn l-i*slipway* nofsha mghottija. Hu kien indika lis-sewwieq tal-helicopter fejn kienet qeghdha din l-i*speed boat*.

L-ewwel Qorti tat affidament lix-xiehda ta' Tota u ta' Cassar, u sabet li din kienet kredibbli u konsistenti, u li taqbel mal-fatti kif graw. Din il-Qorti tikkondividi din il-fehma u hi tal-opinjoni li l-i*speed boat* tal-konvenut giet identifikata kif issemma' *supra* u ghalhekk gie stabbilit in-ness mehtieg bejn il-mewt ta' Muscariello u d-daqqa li dan inghata bl-i*speed boat*. Gie sottomess li din ir-rabta lanqas ma tezisti billi l-konvenut ma setghax jipprevedi li kellu jkun hemm persuna fil-bahar. Izda fil-fehma tal-Qorti huwa mod li jittajjar ghawwiem jew ghaddas barra mill-kosta fil-bahar apert, fejn wiehed ma jistenniex li ser isib ostakolu, u altru li tidhol bi *speed boat* bejn 10-15 metri boghod mill-blat, fl-aqwa tas-sajf, f'bajja popolari, wara nofs-in-nhar, u tghid li mhux prevedibbili li se ssib lil xi hadd jghum jew joghdos.

**Identifikazzjoni tas-sewwieq tad-dghajsa.**

Il-konvenut jillanja li ma giex identifikat is-sewwieq tal-i*speed boat* u rrefera specifikatament ghal dak li xehed Pierre Cassar meta ddeskriva z-zewg persuni li kienu fuq il-*boat* bhala li kellhom xagharhom sewda, meta skond l-appellant hu m'ghandhux karnaggjon skur. Kemm Tota kif ukoll Cassar xehdu li fuq din il-*boat* kien hemm zewg persuni. Jirrizulta mill-provi li dakinhar il-konvenut u siehbu Martin Tabone kienu fuq din l-i*speed boat* f'dawk

in-nahiet. Martin Tabone fl-istarrija tieghu lill-pulizija (ara fol. 163) ikkonferma li l-*speed boat* saqha l-hin kollu l-konvenut.

**Xiehda tal-konvenut u ta' shabu.**

L-ewwel Qorti qaghdet fuq ix-xiehda ta' Tota u Cassar izda fl-istess hin hija qalet ukoll li ma setghetx tistrieh fuq ix-xiehda tal-konvenut u dan minhabba l-inkonsistenza fix-xiehda tieghu u tax-xhieda mressqin minnu. Din il-Qorti bhall-Qorti tal-ewwel grad, ma tistax taghti affidament lix-xiehda tal-konvenut billi din hija kontradittorja, apparti li tikkontradici lilha nfisha u hija inkonsistenti ma' dak li xehdu shab l-appellant stess.

**Tezisti inkonsistenza bejn l-istqarrija li l-konvenut ghamel mal-Pulizija u l-affidavit li pprezenta f'din il-kawza.**

Fl-istqarrija li ghamel mal-Pulizija (Dok S1 a fol 161) l-konvenut jghid li dakinhar hu kien ghadda biss minn hdejn il-Beach Club tal-Preluna (hdejn Ferro Bay) izda ma waqafx, mentri fl-affidavit tieghu jghid li lanqas biss ghadda minn hemm (fol. 226) imma wasal biss bejn it-Torri u s-*Surfside*.

**Inkonsistenza fix-xiehda tal-konvenut.**

Qed jigi indikat episodju wiehed minn diversi ohrajn fix-xhieda tal-konvenut, li hu rilevanti in kwantu bih ried jistabilixxi l-movimenti tieghu dakinhar. Fix-xiehda tieghu f'parti minnha jghid li minn go l-i*speed boat* ra, minn xi 80 metru 'l barra mill-kosta, lil Peter Sultana ghaddej bil-karozza n-naha ta' gewwa ta' Tower Road, u f'post iehor jghid li invece kien rah lil dan Peter Sultana bil-wieqfa fejn it-Torri; daqqa jghid li dan Peter Sultana daqqlu l-*horn* mill-karozza, u daqqa jghid li kien cempillu fuq il-*mobile*. (fol. 237 et seq.).

**Inkonsistenza ma' dak li xehdu shabu stess.**

Meta tqabbel ix-xiehda tal-konvenut ma' dik ta' Martin Tabone ssib diskrepanza notevoli dwar sa fejn waslu bl-i*speed boat*. Jigi notat li ghal bidu l-konvenut ma jsemmix lil Martin Tabone mal-Pulizija li kien mieghu fl-i*speed boat*, imma jsemmieh wara li dan jissemma' minn Sultana. (ara fol. 163 stqarrija ta' Martin Tabone). Il-konvenut jghid li ma' Tabone wasal biss bejn it-Torri u s-*Surfside*, ghalhekk ma wasalx sa Ferro Bay, mentri Tabone jghid li huma kienu waqfu bejn Tigne` u s-*Surfside*, (fol. 254) waqfu ftit u daru. Anke fl-istqarrija tieghu Tabone jghid li huma kienu ghaddew minn hdejn il-Preluna Beach Club, cioe` fejn Ferro Bay (fol. 163). Fix-xiehda tieghu Tota semma' li meta l-i*speed boat* saqet vicin il-blat, il-konvenut ghamel manuvra ta' tidwir b'velocita`, b'certa qawwa (fil-bajja u mhux fil-bahar apert), u kien f'dak il-mument li ntlaqat Muscariello.

Kwantu ghas-suggeriment min-naha tal-konvenut u x-xhieda minnu prodotti li Muscariello seta' ntlaqat minn xi *Jet Ski* dakinhar, fil-fehma tal-Qorti, din l-asserzzjoni mhix sostenibbili billi l-ewwelnett skond dawn ix-xhieda huma ma kienux dahlu Ferro Bay, u ghalhekk ma jistghux jghidu x'gara hemmhekk. Il-punt mhux x'jigri generalment, imma x'gara dakinhar f'Ferro Bay. Fit-tieni lok din l-asserzjoni hija wkoll imxejna mix-xhud Tota li kien pozittiv li ma kienx hemm dghajjes ohra dak il-hin qed jinsaqu go Ferro Bay fil-hin tal-incident hlief dik li wara rrizultat li kienet misjuqa mill-konvenut. Naturalment mal-kosta kollha ta' Tower Road sa San Gorg kien hemm diversi *speed boats* ohra, izda gie eskluz li kien hemm xi *speed boats* ohra go Ferro Bay fil-hin rilevanti meta ntlaqat Muscariello hlief tal-konvenut.

Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Qorti tal-ewwel grad dwar responsabbilita` kien wiehed korrett u din il-Qorti ma tara assolutament ebda raguni ghala ghandha tiddisturbah. Anzi tikkondividih pjenament.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-ewwel istanza kif deciz mill-ewwel Qorti, l-ispejjez ta' dan l-appell ghall-appellant.  Bl-imghax mid-data tal-ewwel sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------